# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 4

Il-Hamis 23 ta' Frar 2017

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana – Kunsilliera
Paul Bongailas - Kunsillier
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ma kienx hemm

**ASSENTI**

***Michaela Noelene Zammit*** – *Ambaxxatrici*

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjeda l-laqgħa.

## 2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm

## 2.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f'Diċembru 2016.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier Pawlu Bongailas

## 2.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

2.3.1 Is-Sinjura Sindku qajmet il-punti fir-rigward tal-laqgħa li kellu l-Kunsill ma' Dr. Jeffrey Pullicino Orlando f'isem Esplora aktar kmieni dan ix-xahar. Fost dawn il-punti hija għamlet enfażi fuq l-'Oil Tanking Cleaning' li hemm bżonn il-Kunsill jibgħat ittra formali lill-Gvern Ċentrali għal benefiċċju tar-residenti li joqgħodu f'dawn l-akkwati minħabba ir-riħa qawwija li ġieli tinxtamm wara li Dr.Jeffrey Pullicino Orlando ikkonferma l-appoġġ minn naħa tiegħu wkoll f'dan ir-rigward.

Is-Sinjura Maria Sultana kompliet fuq il-punt ta' hawn fuq u l-Kunsill kollu qabel illi għandha tintbgħat email lura lill-Esplora fuq il-punti li ġew diskussi f'din il-laqgħa biex b'hekk jiġu 'konfermati minn naħa tagħhom kif ġie diskuss mall-Kunsill kollu.

2.3.2 Is-Sinjura Speranza Chircop għarrfet il-Kunsill dwar 2 ħarġiet li ser tkun qed torganizza għal anzjani u familja.

2.3.3 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar talba mingħand resident li joqgħod fl-inħawi ta' Santu Rokku biex issir 'Zebra Crossing' fil-viċinanzi tal-ħanut tal-laħam li hemm fl-inħawi. Din it-talba kienet diġa intbgħatet lil Transport Malta aktar kmieni fis sena 2016 għal attenzjoni tagħhom.

Il-Kunsill qabel illi wieħed għandu jistenna li ssir ir-roundabout f’dawn l-inħawi biex b’hekk l-affarijiet li għadhom isiru f’daqqa għal benefiċċju tar-residenti li jużaw dawn l-inħawi biex jaqsmu.

2.3.4 Is-Sinjura Speranza Chircop spjegat lill-Kunsill dwar il-palm li hemm ix-Xatt li ser ikunu qegħdin jiġu mibdula f’xitel ieħor pariġġ dak li hemm minħabba li dawn l-istess palm mardu aktar kmieni.

2.3.5 Is-Sinjura Speranza Chircop spjegat illi wara li f’Seduta preċedenti ġie maqbul li għanhom jinġiebu il-‘Wee Trollies’ f’postijiet varji fil-Kalkara bħala prova mingħand kuntrattur partikolari, il-Kunsill ma setax jagħmel dan minħabba illi huwa marbut b’kuntratt ma kuntrattur ieħor fuq l-istess linji gwida. Dan il-kuntrattur bgħat ‘addendum’ biex jiġi ffirmat mill-Kunsill, fejn qed jisħaq illi dawn ta’ l-aħħar qegħdin jaħdmu fuq skema simili ta’ dik tal-‘Wee Trollies’.

Il-Kunsill qabel unanimament li jiġi ffirmat iż-żieda fil-kuntratt u jistenna aktar informazzjoni dwar kif il-lokol tal-Kalkara jista jtejjeb is-servizzi tiegħu fir-rigward tal-iskart imsejjaħ ‘Wee Trollies’.

## 2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 2.4.1 Christopher Bruno – Viċi Sindku

a. Is-Sur Chris Bruno kompla jenfasizza punti ewlenin li ġew diskussi formalment ma’ Dr.Jeffrey Pullicino Orlando fil-laqgħa li semmiet mis-Sindku aktar kmieni f’din is-Seduta fosthom:

CCTV Cameras
Żamma aħjar taż-Żona Residenzjali
24/7 ‘Shelter’ għal anzjani
Parkeġġ ta’ Triq Luigi Pisani

Is-Sur Chris Bruno saħaq illi dawn il-punti għandhom jintbgħatu lura b’email lil amministrazzjoni ta’ Esplora biex b’hekk wieħed ikollu stampa ċara ta’ kif il-Kunsill jistgħa jgħin minn naħa tiegħu kif ukoll tinġieb tweġiba formali bil-miktub fuq affarijiet varji.

b. Is-Sur Chris Bruno saħaq illi hemm bżonn jiġu mmarkati it-‘Transformers’ tad- dawl fi Triq l-Isptar Navali kif ukoll isir rapport minħabba ħafna ‘wires’ koroħ li hemm mal-faċċati tan-nies biex jiġi rrangat.

c. Is-Sur Chris Bruno irraporta bozza maqtugħa fuq arblu tal-Enemalta mgħawweg u kollu imsaddad biex jintbgħat rapport formali kemm biex tixgħel il-bozza kif ukoll jekk hemmx bżonn li jinbidel l-arblu għax qiegħed ta' periklu.

d. Is-Sur Chris Bruno talab li tinqara stqarrija mis-Seg.Eżek. quddiem il-Kunsill kollu rigward l-attivita' tal-Mafkar tal-Gwerra li ssir kull sena mill-Kunsill u fit-tibdil ta' data li kienet ġiet diskussa darbtejn mill-istess Kunsill (ara l-ittra mhemuża ma' dawn il-Minuti).

Is-Sinjura Speranza Chircop talbet lis-Sur Bruno jirtira il-kelma konfoffa għal raġunijiet ovvji pero's-Sur Bruno ma' laqax din it-talba.

Filwaqt li matul din is-Seduta tqajjmet diskussjoni kostruttiva bejn il-Kunsilliera kollha w ikkonfermaw illi minn naħa tagħhom żgur li ma kinux miftemin għal mod kif ġraw l-affarijiet.

Is-Sinjura Maria Sultana saħqet illi taqbel mas-Sur Chris Bruno fir-rigward ta' kif ġew jidhru l-affarijiet u li l-Kunsill ma qabadx u tkellem ċar quddiem kulħadd meta ġiet diskussa din il-materja tad-tibdil ta' data ta' din l-istess attivita'.

## 2.4.2 **Is-Sur Pawlu Bongailas - Kunsillier**

A: Is-Sur Pawlu Bongailas talab lis-Sur Chris Bruno jaħsibha ftit fuq il-kwistjoni tal-Mafkar diskussa aktar kmieni f'din is-Seduta biex filkaż jibdew il-preparamenti għal din l-attivita' flimkien bħal kull sena.

B: Is-Sur Pawlu Bongailas għarraf il-Kunsill illi qed isir it-tindif ta' ħaxix minn naħa tad-Direttorat tal-'Cleansing' fl-inħawi ta' Triq Santa Liberata, Triq il-Missjoni Taljana u Triq Santu Rokku.

Ċ: Is-Sur Pawlu Bongailas spjega formalment x'ġara fil-laqgħa ta' bejn iż-żewġ Każini tal-Baned, fejn kien preżenti wkoll il-Viċi Sindku s-Sur Chris Bruno, rigward Jum il-Kalkara 2017 fejn kien qed jiġi suġġerit illi ż-żewġ Baned idoqqu flimkien, pero' minħabba raġunijiet varji din il-possibilta' ma' tistax tiġi fis-seħħ, fosthom minħabba restrizzjonijiet ta' finanzi minn naħa tal-Kunsill stess. Il-post fejn issir Jum il-Kalkara mhux adekwat għal żewġ Baned flimkien.

Ġie deċiz illi Jum il-Kalkara ser tibqa ssir kif dejjem saret fis-snin preċedenti.

Is-Sinjura Maria Sultana ssuġeriet illi jitnaqqsu l-ammont ta' bandisti minn naħa taż-żewġ każini biex b'hekk ikunu jistgħu jingħaqdu u jagħtu kunċert flimkien. Is-Sur Pawlu Bongailas spjega għaliex dan ma jistax isir.

Ġie diskuss ukoll illi hemmx il-possibilta' isir kunċert il-Knisja pero' ovvjament trid tinbidel il-loġistika kollha tad-daqq minn naħa tal-Każini tal-Baned.

Is-Sur Chris Bruno saħaq illi tajjeb li wieħed jaħseb għal xi ħaġa differenti minħabba li s-sena 2017 hija l-120 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Parroċċa.

D: Is-Sur Pawlu Bongailas prepara lista ta' ismijiet ta' Toroq ġodda kif diġa kien ġie diskuss u maqbul f'Seduti preċedenti bħala informazzjoni lill-Kunsilliera kollha.

Din il-lista ser tkun qed tintbgħat lilhom b'email biex b'hekk kulħadd ikun jista jagħti l-opinjonijiet tiegħu fuq dan ir-rigward.

Is-Seg. Eżek. talbet lis-Sur Pawlu Bongailas jaħseb fuq liema toroq huwa l-aħjar li jiġu mibdula l-ismijiet minn kif inhuma mil-preżent.

E: Is-Sur Pawlu Bongailas talab lis-Seg. Eżek. tibgħat email formali lil Esplora rigward l-iskart li qed jitħalla kull filgħodu barra fuq is-'Central Strip' sakemm jinġabar mill-kuntrattur tal-Kunsill minħabba l-'Eyesore' fi Triq prominenti bħal Triq Marina.

Ġie suġġerit u maqbul mill-Kunsill illi jintlaħaq ftehim ma' Esplora biex il-Kunsill jipprovdi skip u kolezzjoni ta' l-iskart ta' dan is-sit bil patt u l-kundizzjoni li jitħallsu il-'Cameras' minn naħa tagħhom wara l-laqgħa formali li saret ma l-aministrazzjoni ta' dan il-post stess.

### 2.5.3 Is-Sur Vince Bongailas - Kunsillier

A Is-Seg. Eżek. spjegat lis-Sur Vince Bongailas illi l-problema ta' parkeġġ fi Triq Marina kienet diġa qed tiġi maħduma minn naħa ta' Transport Malta li fil-fatt kienu huma li żebgħu parkeġġi ġodda f'din it-triq biex titnaqqas il-konfuzjoni ta' karozzi f'dawn l-inħawi stess.

B. Is-Seg. Eżek. spjegat lis-Sur Vince Bongailas illi iż-'Zebra Crossing' fi Triq Marina ġiet immarkata aktar kmieni dan ix-xahar b'tabelli u sinjali mmarkati fl-art minn naħa ta' Transport Malta għal benefiċċju tas-sewwieqa biex b'hekk jitnaqqas il-periklu għal minn ikun qed jaqsam minn fuqha. Għandhom ukoll jitwaħħlu l-'Lights'.

c. Is-Sur Vince Bongailas saħaq illi hemm bżonn illi jkollna aktar Gwardjani Lokali fil-lokal ħabba raġunijiet varji fosthom abbużi ta' parkeġġ ħażin kif ukoll konfużjoni ta' traffiku f'ċerti inħawi.

d. Is-Sur Vince Bongailas talab lis-Seg. Eżek. tiskeda laqgħa formali mal-Kap ta' l-iskola Primarja biex b'hekk hu stess ikun jista jilħaq ftehim magħha biex juża is-sala ta' l-iskola għal attivitajiet sportivi kif diġa kien aċċena f'Seduta preċedenti għal benefiċċju tar-residenti bla ebda ħlas.

e. Is-Sur Vince Bongailas talab lis-Seg. Eżek. tiskeda mal-ħaddiema tal-Kunsill stess qtugħ ta' ħaxix fi Triq Marina eżatt kif tibda it-telgħa ta' Bighi.

## 2.6 Rapporti

2.6.1 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill dwar talba mingħand resident li joqgħod fil-parti d-dejqa ta' Triq Santu Rokku (viċin iċ-ċimiterju ta' l-ingliżi) biex issir bankina minħabba il-periklu li hu qiegħed jiġi fih kif jiġi biex joħroġ mir-residenza tiegħu.

Dan ir-resident stess saħaq illi jaf li l-bankina diffiċċli minħabba il-fatt illi diġa hija problema biex jgħaddu 2 karozzi fejn xulxin fil-preżent minħabba li t-Triq hija waħda 'Two Way'.

Il-Kunsill qabel illi jekk irid dan ir-resident tista titwaħħallu 'Ubar' quddiem ir-residenza tiegħu għas-sigurta.

## 2.6 *Korrispondenza*

2.7.1 Is-Sinjura Speranza Chircop ippreżentat email minn naħa tal-'Lands Dipartment' fejn dawn qed isaqsu l-Kunsill iridux iżommu jedd fuq is-sit viċin il-Bajja ta' Rinella fejn kienet qed tinbena latrina minħabba il-fatt li dan is-sit għadu jsejjaħ lill-Kunsill Lokali Kalkara.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandha tintbgħat email formali lill-'Cleansing' fejn dan ta' l-aħħar qiegħed jirranġa dan is-sit minn naħa tal-Gvern Ċentrali biex b'hekk ikollna aktar dettalji qabel ma wieħed jieħu deċiżjoni fuq minn dan is sit ser ikun qed isejjaħ minħabba raġunijiet varji fosthom minn ser ikun qed jieħu ħsieb it-tindif u l-manutenzjoni ta' din il-binja meta tkun lesta minħabba il-fatt il-Kunsill m'għandux fondi biżżejjed biex jiffinanzja xi ħaġa bħal din.

2.7.2 Is-Seg.Eżek. ser tkun qed tibgħat email li rċieva l-Kunsill rigward stedina lir-residenti mill-lokal fuq radju partikolari b'xi stejjer dwar il-lokal kif kien diġa sar fis-sena 2016.

Il-Kunsilliera ġew mitluba jinnominaw nies li jkunu għarrfuhom b'din l-istedina diġa u li jaċċettaw li jmorru fuq dan l-istazzjon bl-istorja tagħhom. Wara għandhom jibgħatu id-dettalji tagħhom lis-Seg. Eżek. stess biex b'hekk jintbgħatu formalment il minn qed jieħu ħsieb din l-inizjattiva.

2.7.3 Is-Sindku Speranza Chircop għarrfet il-Kunsill rigward problema li qed isibu xi resideti li joqgħodu in-naħa ta' Triq il-Progress / Triq il-Ġenista minħabba li għad hemm biċċa li mhux imsemmija jew aħjar m'hemmx tabelli mwaħħla biex tindika l-isem tat-Triq.

Wara diskussjoni bejn il-Kunsilliera intlaħaq ftehim unanimu li l-biċċa Triq li fil-preżent qegħda bla isem għandha tiġi msemmija Triq il-Ġenista minħabba raġunijiet ovvji.

2.7.4 Is-Sindku Speranza Chircop talbet il-Kunsill japprova talba minn naħa tal-uffiċċju postali li 'nfetah fi Smart City fejn dawn ta' l-aħħar qed jitolbu permess il-Kunsill biex jitwaħħlu tabelli fil-lokal tal-Kalkara bħala gwida ta' fejn jinsab l-uffiċċju tagħhom.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezjoni dwar twaħħil ta' dawn it-tabelli.

2.7.5 Is-Sinjura Speranza Chircop ippreżentat email minn naħa ta' 'RSS' fejn dawn ta' l-aħħar saħqu illi hemm bżonn li jitnaqqas ħaddiem li jaqa taħt din il-kumpanija tagħhom minħabba li hemm Kunsilli li m'għandhomx anqas ħaddiem wieħed minn tagħhom.

Il-Kunsill kollu qabel unanimament illi b'dispjaċir għandu jitneħħa is-Sur Anthony Farrugia minħabba illi ż-żewġ impjegati l-oħra huma

essenzjali għal-Kunsill Lokali Kalkara.

2.7.6 Is-Sindku Speranza Chircop talbet il-Kunsill jaqbel fuq xahar partikolari fejn għandha ssir il-Laqgħa Pubblika minħabba illi fil-preżent ma kinitx qed issir f'xahar opportun biex wieħed ikopri s-sena preċedenti kif suppost.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-Laqgħa Pubblika għandha ssir fix-Xahar ta' Jannar ta' kull sena biex b'hekk tkun tista tkopri fir-rapport li jsir fis-sena preċedenti.

## 2.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

2.7..1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 2.17 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 2.8 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 2.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

2.9.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar il-Ħamis 23 ta' Frar 2017 fl-4:00 p.m.

Konfermati, illum il-Hamis 23 ta' Frar 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |